**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

37/19

**Is-sebgħa u tletin (37) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-20 t' April, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Skema – Proġetti ta' restawr
   (b) Attivita' kulturali fl-għeluq mill-400 sena tal-Akkwadott
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

2.1 Il-Minuti 36/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 36/19**

2.2.1 Aġenda – titneħħa l-kelma "ativita'" u issir "attivita'"

2.2.2 Minuta 9.5 – tiżdied l-kelma "għandha" qabel il-kelma tintbagħat u titneħħa l-kelma il-Proċess u ssir "il-proċess".

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa ġew approvati unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li nħareġ l-avviż għal dawk iż-żgħażagħ interessati li jkunu membri tal-Kumitat taż-Żgħażagħ fejn fuq in-*notice boards* tal-Kunsill u fuq il-paġna tal-*facebook*. L-applikazzjoni hija miftuħa sat-8 ta' Mejju 2015 iżda jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet biżżejjed din ser tiġi estiża sal-14 ta' Mejju 2014.

3.2 Minuta 3.3 – Is-Sindku staqsa lis-Sur Jason Mangani dwar ir-rapport tat-twinning li sar ġewwa Lousa il-Portugal. Is-Sur Mangani informa lis-Sindku li dan ir-rapport ser ikun ppreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

3.3 Minuta 9.4 – Is-Sindku rrimarka li saret il-laqgħa fuq il-post ma' TM dwar l-arblu tal-Kunsill fejn TM baqgħu jsostnu li dan ma jistax isir fis-*central strip* minħabba safety issues. Is-Sindku qal li TM ġew infurmati kif ġewwa rħula oħra ingħataw permess sabiex isiru f'*central strips*. Il-membri ġew infurmati li minħabba din ir-raġuni l-Kunsill ma jistax japplika mal-MEPA għall-permessi meħtieġa qabel ma tingħata l-awtoriżżazjoni minn TM.

3.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-istat tar-*roundabout* ta' Triq il-Ferrovija ħdejn l-isptar San Filippu minħabba l-istat li tinsab fiha għaliex l-ELC fuq ordni tal-MEPA ma baqgħux jindukrawha. Is-Sindku qal li ser jagħti ċans ġimgħa sabiex naraw issirx filkaż ser jitqabbad il-kuntrattur sabiex tinħarat.

3.5 Minuta 4(a) – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Perit qiegħed jagħmel modifikazzjonijiet meħtieġa fuq il-pjanti.

3.6 Minuta 9.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li qed isir kuntatt mal-*feeders* u eventwalment qed nistennew l-informazzjoni ta' meta ser issir il-laqgħa mal-*Animal Guardian* Malta.

Il-membri qablu unanimament.

F'dan l-istadju (6.55pm) wasal wieħed mill-membri s-Sur Horace Anastasi.

**5. Ordnijiet tal-Ġurnata**

(a) Skema – Proġetti ta' restawr

Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-iskema li għadu kemm nieda l-gvern dwar il-progetti ta' restawr. Huwn kompla billi nforma lill-membri tal-kunsill li l-applikazzjoni ser tohrog fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku huwa tal-fehma li għandna napplikaw sabiex isir restawr fuq:

- Turretta u l-Akkwadott
- Barumbara
- Il-Bieb ta' Triq l-Imsida
- Niċeċ madwar Santa Venera
- Faċċata ta' Casa Leone
- Knisja l-antika
- Ġnien Romeo Romano
- Bieb fi Triq il-Madonna tal-Karmnu

Il-Membri qablu unaninmament.

(b) Attivita' kulturali fl-għeluq mill-400 sena tal-Akkwadott

Is-Sindku nforma lill-membri dwar din l-attivita' li fuqha bdew diskussjonijiet informali sabiex inġibu l-isponsors fejn huwa maħsub li din l-attivita' ser tiswa madwar €18 000. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-HSBC ser jisponsorjaw madwar €6000 u huwa pjanat li jkollna laqgħa ma uffiċċjali mas-~~Central Bank~~ sabiex nitolbu l-għajnuna tagħhom ukoll. BANK CENTRALI

Il-Membri qablu unaninmament.

F'dan il-ħin is-Sinjura Elizabeth Vella talbet lis-Sindku sabiex titkellem fuq il-mozzjoni li kienet għaddiet lill-Kunsill nhar l-14 t'April, 2015 dwar il-problema tal-ipparkjar. Is-Sindku nforma lis-Sinjura Vella li peress li din il-mozzjoni waslet il-Kunsill wara li kienet ħarġet l-Aġenda tal-Laqgħa u li ħafna mill-Kunsilliera ma kienux infurmati fuq din il-mozzjoni, hu għandu l-ħsieb li jgħajjat Laqgħa b'urġenza l-Ħamis, 30 t'April, 2-15 fis-6.30 pm sabiex tkun diskussa ~~din~~ il-~~mozzjoni~~. dak in-nhar

**4 Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikat li l-kunsill irċieva dwar nominazzjoni lil xi persuni li qed jieħdu ħsieb persuni vulnerabbli. Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill għandna tkun nominata s-Sinjura Rose Sammut li tagħti ħafna għajnuna f'dan ir-rigward.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri li s-Sinjura Elizabeth Vella attendiet għall-laqgħa dwar il-Premju Intrapriża 2015. Is-Sindku rrimarka li wara li tkellem mas-Sinjura Elizabeth Vella hija diffiċli li l-Kunsill jinnomina lil xi mprenditur minħabba l-fatt li l-linja gwida qed tagħlaq ħafna bibien għat-tip ta' imprenditur li huwa eliġibbli li jkun nominat.

**6 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

6.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**7 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 670 sa lment numru 687.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 670 | Azzjoni ttieħdet |
| 671 | Jiġi ddentifikat il-post fejn trid issir |
| 672 | Azzjoni ttieħdet |
| 673 | Niktbu lil TM biex isir refresh |
| 674 | Koptasin |
| 675 | Azzjoni ttieħdet |
| 676 | Hemm proġett ippjanat |
| 677 | Jittranġa fejn hemm maqlugħ |
| 678 | Azzjoni ttieħdet |
| 679 | Azzjoni ttieħdet |
| 680 | Koptasin |
| 681 | Koptasin |
| 682 | TM infurmati |
| 683 | Contract Manager |
| 684 | Azzjoni ttieħdet |
| 685 | Azzjoni ttieħdet |
| 686 | Għadna qed nistennew clearance mill-pulizija |
| 687 | Ħaddiema Assenjati |

Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kunitati li ġew preżentati waqt is-37 laqgħa.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna komunikat mingħand Glorianne Grima sabiex isir il-kors intermedjarju tat-tiżjin tal-kejkijiet. Is-Sinjura Grima nfurmat lill-kunsill li 8 persuni huma nteressati li jkomplu b'dan il-kors. Is-Sindku qal li huwa tal-ideja li l-prezz ikun ta' €35 għal kull persuna u liema kors ikompli jsir ġewwa l-iskola ta' Umberto Calosso.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku informa lill-membri li wasal iż-żmien li l-Kunsill jinvesti f'camera tar-ritratti. Is-Sindku qal li s-Segretarju ġab tlett kwotazzjonijiet mingħand Scan €299, Avantech €389, Fujifilm €449. Wara li ġew diskussi l-ispeċifikazzjonijiet kollha ġie deċiż li tinxtara l-camera Canon SX60Hs mingħand Avantech.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Anastasi ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li Aġenzija Żgħażagħ ser jagħmlu xi manutenzjoni billi ser iċaqalqu l-*units* tal-arja kkundizzjonata tal-Kunsill li jinsabu fil-bitħa ta' Umberto Calosso għas-spejjeż tagħhom.

Il-Membri qablu unanimament

9.4 Is-Sindku qal lill-membri li l-Kunsill li għandu proposta mingħand is-Sur Lawrence Ancilleri sabiex f'Awissu jingħataw *crash* kors ta' 4 lezzjonijiet bi preparamenti għal eżami tal-Matrikola livell avvanzat tas-*Systems of Knowledge* lil dawk l-istudenti li jkollhom *resit* ta' dan is-suġġett. Il-lezzjonijiet ser ikunu fuq Politika Soċjali, Problemi Ambjentali, Apprezzament tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija.

Il-Membri qablu unanimament. u kien hemm qbil biex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament

**10 Aġġornament**

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 18/05/2015

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt